GRUPP TA' ĦIDMA TAL-ARTIKOLU 29 DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**18/MT**

**WP 254 rev.01**

**Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29**

# L-Adegwatezza Referenzjali

Adottata fit-28 ta' Novembru 2017

Kif Riveduta u Adottata fis-6 ta' Frar 2018

Dan il-Grupp ta' Ħidma ġie stabbilit skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE. Huwa korp konsultattiv indipendenti Ewropew dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza. Il-kompiti tiegħu huma deskritti fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 95/46/KE u fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/KE.

Is-segretarjat huwa pprovdut mid-Direttorat C (Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza tal-Unjoni) tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali Ġustizzja, B-1049 Brussell, Il-Belġju, Uffiċċju Nru MO-59 02/013.

Sit web: http://ec.europa.eu/newsroom/article29/news.cfm?item_type=1358&tpa_id=6936

**Introduzzjoni**

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-*Data* tal-UE[1] (id-WP29) preċedentement ippubblika Dokument ta' Ħidma dwar trasferimenti ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi (WP12)[2]. Permezz tas-sostituzzjoni tad-Direttiva mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) tal-UE[3], id-WP29 qiegħed jirrevedi d-WP12, il-gwida preċedenti tiegħu, sabiex jaġġornaha fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni l-ġdida u l-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠUE)[4].

Dan id-dokument ta' ħidma jfittex li jaġġorna l-Kapitolu Wieħed tad-WP12 li huwa relatat mal-kwistjoni ċentrali ta' livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data* f'pajjiż terz, territorju jew settur speċifikat wieħed jew aktar f'dak il-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali (minn hawn 'il quddiem: "pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali"). Dan id-dokument se jiġi kontinwament rivedut u, jekk ikun meħtieġ, aġġornat fis-snin li ġejjin, abbażi tal-esperjenza prattika li tinkiseb permezz tal-applikazzjoni tal-GDPR. Il-Kapitoli 2 (*L-applikazzjoni tal-approċċ għall-pajjiżi li rratifikaw il-Konvenzjoni 108*) u 3 (*L-applikazzjoni tal-approċċ għall-awtoregolamentazzjoni tal-industrija*) tad-dokument WP12 għandhom jiġu aġġornati aktar 'il quddiem.

Dan id-dokument ta' ħidma jiffoka biss fuq deċiżjonijiet dwar l-adegwatezza, li huma atti ta' implimentazzjoni[5] tal-Kummissjoni Ewropea, skont l-Artikolu 45 tal-GDPR. Aspetti oħra tat-trasferimenti ta' data personali lejn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali se jiġu eżaminati fid-dokumenti ta' ħidma li ġejjin li se jiġu ppubblikati b'mod separat (BCRs, derogi).

Dan id-dokument għandu l-għan li jipprovdi gwida lill-Kummissjoni Ewropea u lid-WP29 skont il-GDPR għall-valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tad-data f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali billi jistabbilixxi l-prinċipji tal-qalba tal-protezzjoni tad-data li jridu jkunu preżenti f'qafas legali ta' pajjiż terz jew ta' organizzazzjoni internazzjonali sabiex tiġi żgurata ekwivalenza essenzjali fi ħdan il-qafas tal-UE. Barra minn hekk, dan jista' jagħti gwida lill-pajjiżi terzi u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali interessati biex jiksbu l-adegwatezza. Madankollu, il-prinċipji stabbiliti f'dan id-dokument ta' ħidma ma jiġux indirizzati b'mod dirett lejn il-kontrolluri tad-data jew il-proċċessuri tad-data.

Dan id-dokument jikkonsisti f'4 Kapitoli:

**Kapitolu 1:** Xi informazzjoni mifruxa fir-rigward tal-kunċett tal-adegwatezza

**Kapitolu 2:** Aspetti proċedurali għal sejbiet dwar l-adegwatezza skont il-GDPR

**Kapitolu 3**: Prinċipji Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Dan il-kapitolu jinkludu l-prinċipji ġenerali ewlenin dwar il-protezzjoni tad-data sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni tad-data f'pajjiż terz jew f'organizzazzjoni internazzjonali jkun sostanzjalment ekwivalenti għal dak stabbilit mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

**Kapitolu 4:** Garanziji essenzjali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi u għas-sigurtà nazzjonali sabiex jiġu limitati l-interferenzi għad-drittijiet fundamentali. Dan il-Kapitolu jinkludi l-garanziji essenzjali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi u għas-sigurtà nazzjonali wara s-sentenza Schrems tal-QtĠUE fl-2015 u abbażi tal-Garanziji Esssenzjali tad-dokument ta' ħidma WP29 adottat fl-2016.

[1] Kif stabbilit skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data

2 WP12, "Dokument ta' Ħidma: Trasferimenti ta' data personali lejn pajjiżi terzi: Bl-applikazzjoni tal-Artikoli 25 u 26 tad-direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data", adottat mill-Grupp ta' Ħidma fl-24 ta' Lulju 1998.

3 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

4 Inkluża l-Kawża C-362/14, Maximillian Schrems vs Data Protection Commissioner, is-6 ta' Ottubru 2015

[5] Ara l-Artikoli rilevanti 45(3) u 93(2) tal-GDPR għal aktar informazzjoni dwar l-atti ta' implimentazzjoni

**Kapitolu 1: Xi informazzjoni mifruxa fir-rigward tal-kunċett tal-adegwatezza**

Il-paragrafu (1) tal-Artikolu 45 tal-GDPR jistabbilixxi l-prinċipju li t-trasferimenti ta' data personali lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali għandhom isiru biss jekk il-pajjiż terz, it-territorju jew settur speċifikat wieħed jew aktar f'dak il-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali inkwistjoni, jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni.

Dan il-kunċett ta' "livell adegwat ta' protezzjoni" li diġà kien jeżisti skont id-Direttiva 95/46 kompla jiġi żviluppat mill-QtĠUE. F'dan l-istadju huwa importanti li jiġi mfakkar l-istandard stabbilit mill-QtĠUE fi Schrems, jiġifieri li filwaqt li "*l-livell ta' protezzjoni*" fil-pajjiż terz għandu jkun "*sostanzjalment ekwivalenti*" għal dak garantit fl-UE, "*il-mezzi li dan il-pajjiż terz juża, f'dan ir-rigward, sabiex jiżgura tali livell ta' protezzjoni jistgħu jkunu differenti minn dawk implementati fi ħdan l-[UE]*"[6]. Għalhekk, l-objettiv mhuwiex li tiġi riflessa b'mod preċiż il-leġiżlazzjoni Ewropea, iżda li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti essenzjali – prinċipali ta' dik il-leġiżlazzjoni.

L-iskop tad-deċiżjonijiet dwar l-adegwatezza mill-Kummissjoni Ewropea huwa li tikkonferma b'mod formali, b'effetti vinkolanti fuq l-Istati Membri[7], li l-livell tal-protezzjoni tad-data f'pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali huwa sostanzjalment ekwivalenti għal-livell tal-protezzjoni tad-data fl-Unjoni Ewropea[8]. L-adegwatezza tista' tinkiseb permezz ta' taħlita ta' drittijiet għas-suġġetti tad-data u obbligi fuq dawk li jipproċessaw id-data, jew li jeżerċitaw kontroll fuq dan l-ipproċessar u superviżjoni minn korpi indipendenti. Madankollu, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data huma effettivi biss jekk ikunu infurzabbli u jiġu segwiti fil-prattika. Għalhekk, jeħtieġ li mhux biss jiġi kkunsidrat il-kontenut tar-regoli applikabbli għal data personali li tintbagħat lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, iżda għandha tiġi kkunsidrata wkoll is-sistema li hemm fis-seħħ sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn ir-regoli. Mekkaniżmi ta' infurzar effiċjenti huma importanti ħafna għall-effettività tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Il-paragrafu (2) tal-Artikolu 45 tal-GDPR jistabbilixxi li l-elementi li l-Kummissjoni Ewropea għandha tqis meta tkun qed tivvaluta l-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni f'pajjiż terz jew f'organizzazzjoni internazzjonali.

Pereżempju, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, il-leġiżlazzjoni rilevanti, l-eżistenza u l-funzjonament effettiv ta' awtorità ta' superviżjoni indipendenti waħda jew aktar u l-impenji internazzjonali li l-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali jkunu daħlu fihom.

Għalhekk, huwa ċar li kwalunkwe analiżi sinifikanti ta' protezzjoni adegwata għandha tinvolvi żewġ elementi bażiċi: il-kontenut tar-regoli applikabbli u l-mezzi biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tagħhom. Huwa f'idejn il-Kummissjoni Ewropea li - fuq bażi regolari - tivverifika li r-regoli li jkun hemm fis-seħħ ikunu effettivi fil-prattika.

Il-"qalba" tal-prinċipji dwar il-"kontenut" u r-rekwiżiti "ta' proċedura/ta' infurzar" tal-protezzjoni tad-data, li jistgħu jitqiesu bħala rekwiżit minimu biex il-protezzjoni tkun adegwata, jirriżultaw mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u mill-GDPR. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll ftehimiet internazzjonali oħra dwar il-protezzjoni tad-data, eż. il-Konvenzjoni 108[9].

Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-qafas legali għall-aċċess tal-awtorijiet pubbliċi għad-data personali. Aktar gwida dwar dan tingħata fid-Dokument ta' ħidma 237 (jiġifieri, id-dokument dwar il-Garanziji Essenzjali)[10] dwar is-salvagwardji fil-kuntest tas-sorveljanza.

---

[6] Kawża C-362/14, Maximillian Schrems v Data Protection Commissioner, is-6 ta' Ottubru 2015 (§§ 73, 74);

[7] Artikolu 288(2) tat-TFUE

[8] Kawża C-362/14, Maximillian Schrems vs Data Protection Commissioner, is-6 ta' Ottubru 2015 (§§ 52);

9 Premessa 105 tal-GDPR

[10] "*Working Document 01/2016 on the justification of interferences with the fundamental rights to privacy and data protection through surveillance measures when transferring personal data (European Essential Guarantees)*" (Dokument ta' ħidma 01/2016 dwar il-ġustifikazzjoni tal-interferenzi mad-drittijiet fundamentali permezz ta' miżuri ta' sorveljanza meta tiġi ttrasferita data personali (Garanziji Essenzjali Ewropej)), 16/EN WP 237, 13 ta' April 2016

Id-dispożizzjonijiet ġenerali rigward il-protezzjoni tad-data u l-privatezza fil-pajjiż terz mhumiex suffiċjenti. Għall-kuntrarju ta' dan, dispożizzjonijiet speċifiċi li jindirizzaw il-ħtiġijiet konkreti għal aspetti prattikament rilevanti tad-dritt għall-protezzjoni tad-data għandhom jiġu inklużi fil-qafas legali tal-pajjiż terz jew tal-organizzazzjoni internazzjonali. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu infurzabbli.

## Kapitolu 2: Aspetti proċedurali għal sejbiet dwar l-adegwatezza skont il-GDPR

Biex l-EDPB jissodisfa l-kompitu tiegħu li jagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 70(1) (s) tal-GDPR, l-EDPB għandu jingħata d-dokumentazzjoni rilevanti, inkluża korrispondenza rilevanti u s-sejbiet li tkun għamlet il-Kummissjoni Ewropea. Fejn il-qafas legali jkun kumpless, dan għandu jinkludi kwalunkwe rapport li jkun tħejja dwar il-livell tal-protezzjoni tad-data tal-pajjiż terz jew tal-organizzazzjoni rilevanti. Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni li tingħata mill-Kummissjoni Ewropea għandha tkun eżawrjenti u tqiegħed lill-EDPB f'pożizzjoni li jagħmel valutazzjoni tiegħu dwar il-livell tal-protezzjoni tad-data fil-pajjiż. L-EDPB se jagħti opinjoni dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni Ewropea f'ħin xieraq u jidentifika n-nuqqasijiet fil-qafas tal-adegwatezza, jekk ikun hemm. L-EDPB se jagħmel ħiltu biex jipproponi alterazzjonijiet jew emendi biex jiġu indirizzati l-insuffiċjenzi possibbli.

Skont l-Artikolu 45 (4) tal-GDPR, huwa f'idejn il-Kummissjoni Ewropea li - fuq bażi kontinwa - timmonitorja l-iżviluppi li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ta' deċiżjoni adegwata.

L-Artikolu 45 (3) tal-GDPR jipprevedi li għandha ssir reviżjoni perjodika mill-inqas kull erba' snin. Madankollu, dan huwa perjodu ta' żmien ġenerali li jrid jiġi aġġustat għal kull pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali b'deċiżjoni dwar l-adegwatezza. Skont iċ-ċirkostanzi partikolari preżenti, jista' jkun meħtieġ ċiklu ta' reviżjoni iqsar. Barra minn hekk, inċidenti jew informazzjoni oħra dwar il-qafas legali fil-pajjiż terz jew fl-organizzazzjoni internazzjonali inkwistjoni jew bidliet fih jistgħu jwasslu għall-ħtieġa li ssir reviżjoni qabel iż-żmien. Jidher ukoll li huwa xieraq li l-ewwel reviżjoni ta' deċiżjoni kompletament ġdida dwar l-adegwatezza ssir pjuttost malajr u ċ-ċiklu tar-reviżjoni jiġi aġġustat gradwalment skont l-eżitu.

Minħabba l-mandat li l-Kummissjoni Ewropea tingħata opinjoni dwar jekk il-pajjiż terz, territorju jew settur speċifikat wieħed jew aktar f'dan il-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, m'għadux jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni, l-EDPB, fi żmien xieraq, għandu jirċievi informazzjoni sinifikanti dwar il-monitoraġġ tal-iżviluppi riċenti f'dak il-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali mill-Kummissjoni tal-UE. Għaldaqstant, l-EDPB għandu jinżamm infurmat dwar kwalunkwe proċess ta' reviżjoni u missjoni ta' reviżjoni fil-pajjiż terz jew fl-organizzazzjoni internazzjonali. L-EDPB japprezza li kieku jiġi mistieden jipparteċipa f'dawn il-proċessi u l-missjonijiet ta' reviżjoni.

Għandu jiġi nnutat ukoll li skont l-Artikolu 45 (5) tal-GDPR, il-Kummissjoni Ewropea għandha d-dritt li tħassar, temenda jew tissospendi deċiżjonijiet eżistenti dwar l-adegwatezza. Konsegwentement, il-proċedura għal tħassir, emenda jew sospensjoni għandha tinvolvi lill-EDPB billi titlob l-opinjoni tiegħu skont l-Art. 70(1) (s).

Barra minn dan, kif inhu rikonoxxut bħalissa fl-Artikolu 58 (5) tal-GDPR u skont id-deċiżjoni ta' Schrems tal-QtĠUE, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data għandhom ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti legali jekk isibu li pretensjoni minn persuna kontra deċiżjoni dwar l-adegwatezza tkun ġustifikata: *"F'dan ir-rigward, huwa l-leġiżlatur nazzjonali li għandu jipprevedi rimedji sabiex l-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni kkonċernata tkun tista' tinvoka l-ilmenti li hija tqis fondati quddiem il-qrati nazzjonali sabiex dawn ikunu jistgħu jressqu, fil-każ li jkollhom l-istess dubji bħal dawk ta' din l-awtorità dwar il-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, talba għal deċiżjoni preliminari għall-finijiet tal-eżami tal-validità tal-imsemmija deċiżjoni"*[11].

[11] Kawża C-362/14, Maximillian Schrems vs Data Protection Commissioner, is-6 ta' Ottubru 2015 (§ 65)

**Kapitolu 3: Prinċipji Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni tad-data f'pajjiż terz, territorju jew settur speċifikat wieħed jew aktar fi ħdan dak il-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali jkun sostanzjalment ekwivalenti għal dak garantit mil-leġiżlazzjoni tal-UE**

**Is-sistema ta' pajjiż terz jew ta' organizzazzjoni internazzjonali għandha tinkludi l-kontenut bażiku u l-prinċipji u l-mekkaniżmi tal-protezzjoni tad-data ta' proċedura/ta' infurzar li ġejjin:**

**A. <u>Prinċipji dwar il-Kontenut:</u>**

**1) Kunċetti**

Għandhom jeżistu kunċetti u/jew prinċipji bażiċi dwar il-protezzjoni tad-data. Dawn m'għandhomx għalfejn jirriflettu t-terminoloġija tal-GDPR, iżda għandhom jirriflettu u jkunu konsistenti mal-kunċetti inkorporati fil-liġi dwar il-protezzjoni tad-data Ewropea. Bħala eżempju, il-GDPR jinkludi l-kunċetti importanti li ġejjin: "data personali", "ipproċessar tad-data personali", "kontrollur tad-data", "proċessur tad-data", "riċevitur" u "data sensittiva".

**2) Raġunijiet għal ipproċessar legali u ġust għal skopijiet leġittimi**

Id-data għandha tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u leġittimu.

Il-bażijiet leġittimi, li skonthom id-data personali tista' tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u leġittimu, għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar biżżejjed. Il-qafas Ewropew jirrikonoxxi diversi raġunijiet leġittimi bħal dawn inklużi, pereżempju, dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali, il-kunsens tas-suġġett tad-data, il-prestazzjoni ta' kuntratt jew l-interess leġittimu tal-kontrollur tad-data jew ta' parti terza li ma jegħlibx l-interessi tal-individwu.

**3) Il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop**

Id-*data* għandha tiġi pproċessata għal skop speċifiku u sussegwentement għandha tintuża safejn dan ma jkunx inkompatibbli mal-iskop tal-ipproċessar.

**4) Il-kwalità tad-*data* u l-prinċipju tal-proporzjonalità**

Id-*data* għandha tkun preċiża u, fejn meħtieġ, tinżamm aġġornata. Id-*data* għandha tkun adegwata, relevanti u mhux eċċessiva b'rabta mal-finijiet li għaliha tiġi pproċessata.

***5)* Il-prinċipju taż-Żamma tad-*Data***

Bħala regola ġenerali, id-*data* għandha tinżamm għal mhux aktar minn kemm hu meħtieġ għall-finijiet li għalihom tiġi pproċessata d-*data* personali.

**6) Il-prinċipju tas-sigurtà u tal-kunfidenzjalità**

Kwalunkwe entità li tipproċessa d-*data* personali għandha tiżgura li d-*data* tiġi pproċessata b'mod li jiżgura s-sigurtà tad-*data* personali, inkluża protezzjoni kontra pproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali, permezz ta' miżuri tekniċi jew organizzattivi xierqa. Il-livell ta' sigurtà għandu jikkunsidra l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-ispejjeż relatati.

### 7) Il-prinċipju tat-trasparenza

Kull individwu għandu jiġi informat dwar l-elementi ewlenin kollha tal-ipproċċessar tad-data personali tiegħu/tagħha f'forma ċara, li tkun faċilment aċċessibbli, konċiża, trasparenti u intelliġibbli. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-iskop tal-ipproċessar, l-identità tal-kontrollur tad-data, id-drittijiet li jkunu ġew magħmula disponibbli għalih/għaliha u informazzjoni oħra safejn din tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja. Taħt ċerti kundizzjonijiet, jistgħu jeżistu xi eċċezzjonijiet għal dan id-dritt għal informazzjoni, bħal pereżempju, biex jiġu salvagwardjati l-investigazzjonijiet kriminali, is-sigurtà nazzjonali, l-indipendenza ġudizzjarja u proċedimenti ġudizzjarji jew objettivi importanti oħrajn ta' interess pubbliku ġenerali, bħal fil-każ tal-Artikolu 23 tal-GDPR.

### 8) Id-dritt għal aċċess, rettifika, tħassir u oġġezzjoni

Is-suġġett tad-data għandu jkollu d-dritt li jikseb konferma dwar jekk hux qed iseħħ ipproċessar tad-data li jikkonċerna lilu/lilha, kif ukoll jaċċessa/taċċessa d-data tiegħu/tagħha, inkluż jikseb/tikseb kopja tad-data kollha relatata miegħu/magħha li tiġi pproċessata.

Is-suġġett tad-data għandu jkollu d-dritt li jikseb rettifika tad-data tiegħu/tagħha kif ikun xieraq, għal raġunijiet speċifikati, pereżempju, meta jidher li ma tkunx preċiża jew tkun inkompleta u li titħassar id-data personali tiegħu/tagħha meta, pereżempju, l-ipproċessar tagħha ma jkunx aktar meħtieġ jew tkun illegali.

Is-suġġett tad-data għandu jkollu d-dritt ukoll li, għal raġunijiet leġittimi konvinċenti relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu/tagħha, fi kwalunkwe ħin, joġġezzjona għall-ipproċessar tad-data tiegħu/tagħha taħt il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-qafas legali tal-pajjiż terz. Fil-GDPR, pereżempju, dawn il-kundizzjonijiet jinkludu meta l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-prestazzjoni ta' kompitu li jkun sar fl-interess pubbliku jew meta jkun meħtieġ biex il-kontrollur jeżerċità l-awtorità uffiċjali li tkun ngħatatlu jew meta l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur tad-data jew minn parti terza.

L-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet m'għandux ikun ta' piż żejjed għas-suġġett tad-data. Jistgħu jeżistu xi restrizzjonijiet possibbli għal dawn id-drittijiet, pereżempju biex jiġu salvagwardjati l-investigazzjonijiet kriminali, is-sigurtà nazzjonali, l-indipendenza ġudizzjarja u proċedimenti ġudizzjarji jew objettivi importanti oħra ta' interess pubbliku ġenerali, bħal fil-każ tal-Artikolu 23 tal-GDPR.

### 9) Restrizzjonijiet fuq trasferimenti ulterjuri

Trasferimenti ulterjuri tad-data personali mir-riċevitur inizjali tat-trasferiment oriġinali tad-data għandhom ikunu permessi biss f'każijiet fejn ir-riċevitur ulterjuri (jiġifieri r-reċipjent tat-trasferiment ulterjuri) ikun soġġett ukoll għal regoli (inklużi regoli kuntrattwali) li joffru livell adegwat ta' protezzjoni u b'mod li jsegwu l-istruzzjonijiet rilevanti meta d-data tkun qed tiġi pproċessata f'isem il-kontrollur tad-data. Il-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi li d-data tagħhom tiġi ttrasferita m'għandux jiġi pperikolat mit-trasferiment ulterjuri. Ir-riċevitur inizjali tad-data li tiġi ttrasferita mill-UE għandu jkollu r-responsabbiltà li jiżgura li jingħataw salvagwardji xierqa għal trasferimenti ulterjuri tad-data fin-nuqqas ta' deċiżjoni dwar l-adegwatezza. Dawn it-trasferimenti ulterjuri tad-data għandhom isiru biss għal skopijiet limitati u speċifikati u sakemm ikun hemm raġuni legali għal dak l-ipproċessar.

## B. <u>Eżempji ta' prinċipji addizzjonali dwar il-kontenut li għandhom jiġu applikati għal tipi speċifiċi tal-ipproċessar:</u>

### 1) Kategoriji speċjali ta' data

Għandhom jeżistu salvagwardji speċifiċi fejn ikunu involuti kategoriji speċjali ta' data[12]. Dawn il-kategoriji għandhom jirriflettu dawk inkorporati fl-Artikolu 9 u 10 tal-GDPR. Din il-protezzjoni għandha

[12] Dawn il-kategoriji speċjali huma magħrufa wkoll bħala "data sensittiva" fil-premessa 10 tal-GDPR.

titqiegħed fis-seħħ permezz ta' rekwiżiti aktar esiġenti għall-ipproċessar tad-data, bħal pereżempju, li s-suġġett tad-data jagħti l-kunsens espliċitu tiegħu/tagħha għall-ipproċessar jew permezz ta' miżuri ta' sigurtà addizzjonali.

### 2) Kummerċjalizzazzjoni diretta

Fejn id-data tiġi pproċessata għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta, is-suġġett tad-data għandu jkun jista' joġġezzjona milli jkollu d-data tiegħu/tagħha pproċessata għal dawn l-iskopijiet meta jrid mingħajr ma jeħel imposta.

### 3) Teħid ta' deċiżjonijiet u tfassil ta' profil awtomatizzati

Deċiżjonijiet ibbażati biss fuq ipproċessar awtomatizzat (teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati), inkluż it-tfassil ta' profil, li jipproduċi effetti legali jew jaffettwa b'mod sinifikanti s-suġġett tad-data, jistgħu jseħħu biss taħt ċerti kundizzjonijiet stabbiliti fil-qafas legali tal-pajjiż terz. Fil-qafas Ewropew, dawn il-kundizzjonijiet jinkludu, pereżempju, il-ħtieġa li jinkiseb kunsens espliċitu tas-suġġett tad-data jew il-ħtieġa ta' tali deċiżjoni għall-konklużjoni ta' kuntratt. Jekk id-deċiżjoni ma tikkonformax ma' dawn il-kundizzjonijiet kif stabbilit fil-qafas legali tal-pajjiż terz, is-suġġett tad-data għandu jkollu d-dritt li ma jkunx soġġett għaliha. Il-liġi tal-pajjiż terz, fi kwalunkwe każ, għandha tipprovdi s-salvagwardji neċessarji, inkluż id-dritt li wieħed jiġi informat dwar ir-raġunijiet speċifiċi li hemm wara d-deċiżjoni u l-loġika involuta, li wieħed jikkoreġi informazzjoni mhux preċiża jew inkompleta, u li jikkontesta deċiżjoni fejn din tkun ġiet adottata fuq bażi fattwali inkorretta.

## C. <u>Mekkaniżmi ta' Proċedura u ta' Eżekuzzjoni:</u>

**Minkejja li l-mezzi li bihom il-pajjiż terz ikollu rikors bil-għan li jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni jista' jvarja minn dawk imħaddma fl-Unjoni Ewropea[13], sistema konsistenti ma' dik Ewropea trid tiġi kkaratterizzata mill-eżistenza tal-elementi li ġejjin:**

### 1) Awtorità ta' Superviżjoni Indipendenti Kompetenti

Għandha teżisti awtorità ta' superviżjoni indipendenti waħda jew aktar, inkarigata biex timmonitorja, tiżgura u tinforza l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* u tal-privatezza fil-pajjiż terz. L-awtorità ta' superviżjoni għandha taġixxi b'indipendenza u b'imparzjalità kompleta meta twettaq id-dmirijiet tagħha u teżerċita s-setgħat tagħha, u meta tagħmel dan la se tfittex u lanqas mhi se taċċetta struzzjonijiet. F'dak il-kuntest, l-awtorità ta' superviżjoni għandu jkollha s-setgħat u missjonijiet kollha neċessarji u disponibbli biex tiżgura konformità mad-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* u tippromwovi s-sensibilizzazzjoni. Għandha tingħata wkoll kunsiderazzjoni lill-persunal u lill-baġit tal-awtorità ta' superviżjoni. L-awtorità ta' superviżjoni għandha tkun tista' wkoll twettaq investigazzjonijiet bl-inizjattiva tagħha stess.

### 2) Is-sistema tal-protezzjoni tad-data trid tiżgura livell tajjeb ta' konformità

Is-sistema ta' pajjiż terz għandha tiżgura grad għoli ta' responsabbiltà u sensibilizzazzjoni bejn il-kontrolluri tad-data u dawk li jipproċessaw id-data personali f'isimhom tal-obbligi, il-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom, u bejn is-suġġetti tad-data tad-drittijiet tagħhom u l-mezzi biex jeżerċitawhom. L-eżistenza ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi jista' jkollha parti importanti biex tiġi garantita l-osservanza tar-regolamenti, kif jista' naturalment ikollhom ukoll sehem importanti sistemi ta' verifika diretta minn awtoritajiet, awdituri, jew inkella uffiċjali indipendenti ta' protezzjoni tad-data**.**

[13] Kawża C-362/14, Maximillian Schrems v Data Protection Commissioner, is-6 ta' Ottubru 2015, para 74.

3) **Responsabbiltà**

Qafas tal-protezzjoni tad-data ta' pajjiż terz għandu jobbliga lill-kontrolluri tad-data u/jew lil dawk li jipproċessaw id-data personali f'isimhom biex jikkonformaw miegħu u jkunu jistgħu juru din il-konformità b'mod partikolari lill-awtorità ta' superviżjoni kompetenti. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, valutazzjonijiet tal-impatt tal-protezzjoni tad-data, iż-żamma ta' rekords jew log fajls ta' attivitajiet tal-ipproċessar tad-data għal perjodu ta' żmien xieraq, il-ħatra ta' uffiċjal tal-protezzjoni tad-data jew protezzjoni tad-data bid-disinn u b'mod awtomatiku.

4) **Is-sistema tal-protezzjoni tad-data trid tipprovdi appoġġ u tgħin lis-suġġetti tad-data individwali jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u mekkaniżmi ta' rimedju xierqa**

L-individwu għandu jkun jista' jsegwi rimedji legali biex jinforza d-drittijiet tiegħu/tagħha b'mod rapidu u effettiv, u mingħajr spiża projbittiva, kif ukoll biex jiżgura konformità. Biex jagħmel dan, irid ikun hemm fis-seħħ mekkaniżmi ta' superviżjoni li jippermettu investigazzjoni indipendenti tal-ilmenti u li jagħmluha possibbli li kwalunkwe ksur tad-dritt għall-protezzjoni tad-data u tar-rispett għall-ħajja privata jiġi identifikat u kkastigat fil-prattika.

Fejn ma jkunx hemm konformità mar-regoli, is-suġġett tad-data għandu jingħata wkoll rimedju amministrattiv u ġudizzjarju effettiv, inkluż għal kumpens għal ħsarat bħala riżultat tal-ipproċessar illegali tad-data personali tiegħu/tagħha. Dan huwa element ċentrali li jrid jinvolvi sistema ta' aġġudikazzjoni indipendenti jew arbitraġġ li jippermetti li jitħallas kumpens u sanzjonijiet imposti fejn ikun xieraq.

**Kapitolu 4: Garanziji essenzjali fil-pajjiżi terzi għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi u għas-sigurtà nazzjonali sabiex jiġu limitati l-interferenzi għad-drittijiet fundamentali**

Meta tkun qed tivvaluta l-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni, skont l-Art 45(2)(a) il-Kummissjoni hija meħtieġa tqis "*il-leġiżlazzjoni rilevanti, kemm ġenerali kif ukoll settorjali, inkluż dwar is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà nazzjonali u l-liġi kriminali u l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-data personali, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni…*".

Il-QtĠUE fi Schrems innotat li t-"*terminu "livell adegwat ta' protezzjoni" irid jinftiehem bħala li jeżiġi li dan il-pajjiż terz effettivament jiżgura, permezz tal-liġi domestika tiegħu jew tal-impenji internazzjonali li jkun daħal għalihom, livell ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali li jkun sostanzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fi ħdan l-Unjoni abbażi tad-Direttiva 95/46, moqrija fid-dawl tal-Karta*". Għalkemm il-mezzi li dak il-pajjiż terz jirrikorri għalihom, b'rabta ma' dan, jistgħu jkunu differenti minn dawk imħaddma fl-Unjoni Ewropea, dawk il-mezzi madankollu jridu jagħtu prova, fil-prattika, li huma effettivi[14].

F'dan il-kuntest, il-qorti nnotat ukoll b'mod kritiku li d-deċiżjoni rigward Livell Xieraq ta' Protezzjoni ma "*kinitx tinkludi konstatazzjoni dwar l-eżistenza, fl-Istati Uniti, ta' regoli ta' natura statali intiżi li jillimitaw l-eventwali ndħil fid-drittijiet fundamentali tal-persuni li d-data tagħhom tiġi ttrasferita mill-Unjoni Ewropea lejn l-Istati Uniti, indħil li l-entitajiet statali ta' dak il-pajjiż ikollhom l-awtorizzazzjoni li jinvolvu ruħhom fihom meta jfittxu objettivi leġittimi, bħas-sigurtà nazzjonali.*"

Fl-opinjoni WP237, adottata fit-13 ta' April 2016, id-WP29 identifika garanziji essenzjali li jirriflettu l-ġurisprudenza tal-QtĠUE u tal-QEDB fil-qasam tas-sorveljanza. Filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet deskritti fid-WP237 jibqgħu validi u għandhom jitqiesu meta tkun qed tiġi vvalutata l-adegwatezza ta' pajjiż terz fil-qasam tas-sorveljanza, l-applikazzjoni ta' dawn il-garanziji tista' tvarja fl-oqsma tal-aċċess tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà nazzjonali għad-*data*. Madankollu, dawk l-erba' garanziji jridu jiġu rispettati għall-aċċess għad-data, irrispettivament minn jekk hux għal skopijiet ta' sigurtà nazzjonali jew skopijiet ta' infurzar tal-liġi, mill-pajjiżi terzi kollha sabiex jitqiesu bħala adegwati:

1) **L-ipproċessar għandu jkun ibbażat fuq regoli ċari, preċiżi u aċċessibbli (bażi ġuridika)**
2) **Iridu jintwerew in-neċessità u l-proporzjonalità fir-rigward tal-objettivi leġittimi fil-mira**
3) **L-ipproċessar irid ikun soġġett għal sorveljanza indipendenti**
4) **L-individwi jrid ikollhom rimedji effettivi għad-dispożizzjoni tagħhom**

[14] Kawża C-362/14, Maximillian Schrems v Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data, 6 ta' Ottubru 2015, paragrafu 74.